11 ta' Mejju, 1953.

Imħallfin:

Is-S.T.O. Dr. L.A. Camilleri, LL.D., *President*;

L-Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, LL.D.;

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Nutar Dr. Antonio Galea *versus* Onor. Dr. Louis Galea ne.

Qorti ta' Reviżjoni ta' l-Attijiet Notarili — Nutar — Konfini — "Sheet" — Testment — Folji Intermedji — Firmi — Art. 28 (1) (f) tal-Kap. 92.

F'kull att ta' trasferiment ta' immobili "inter vivos", l-immobili trasferit għandu jiġi ndikat, jekk bini, bit-tismija tal-belt jew raħal, tat-triq u n-numru, u, jekk ma jkunx fih numru, bit-tismija ta' tlitt irjieħ għall-anqas; jekk l-immobili jkun raba', għandu jiġi ndikat bit-tismija tal-post li fil-limiti tiegħu jkun qiegħed, bl-isem tiegħu, jekk ikollu, u jekk jista' jkun l-isem tad-distrett, bil-kejl, u tlieta għall-anqas mill-irjieħ tiegħu, b'mod li l-fond ikun identifikat b'mod ċert. Jekk in-nutar li jirċievi att ta' diviżjoni ma jsemmix mill-anqas tlitt irjieħ tal-fond diviż, meta huwa l-każ li jissemmew dawk l-irjieħ, huwa jonqos minn dana l-obligu tiegħu; u mhux biżżejjed biex jissoddisfa l-vot tal-liġi l-fatt li huwa jsemmi l-irjieħ tal-porzjonijiet li fih il-fond jiġi diviż.

Il-kelma "sheet" fil-liġi tan-nutari tfisser anki l-folji intermedji; b'mod li meta t-testatur ma jafx jikteb, it-testment għandu jikkontjeni l-firmi tan-nutar u tax-xhieda, u tat-testatriċi li taf tikteb (meta t-testment huwa "unica charta"), anki fil-folji intermedji.

Il-Qorti — Rat ir-rikors tan-Nutar Dr. Antonio Galea, li bih qal illi fuq eżami ta' l-attijiet li rċieva matul l-ewwel sitt xhur tas-sena 1952; il-Qorti tar-Reviżjoni ta' l-Attijiet Notarili, b'deċiżjoni tagħha tat-18 ta' Diċembru 1952, ikkundannat lir-rikorrent (1) għall-ħlas ta' 2s. 6d. ammenda talli fl-att tad-diviżjoni tat-13 ta' Jannar 1952 (numru 6, paġina 48 tal-minutarju atti "inter vivos") ma ddeskriviex il-fond diviż, li huwa rustiku, bil-konfini tiegħu kif irid l-art. 28 (1) (f) u (ii) ta' l-Att numru XI ta' l-1927 (Kap. 92), għalkemm iddeskriva sewwa l-partijiet li fih ġie diviż dan il-fond; .... (4) għall-ħlas ta' ammenda ta' 5s. talli kuntrarjament għad-dispost ta' l-art. 28 (b) (1) (l) tal-Kap. 92, ma hemmx il-firmi tat-testatriċi Margherita Mifsud u tax-xhieda (billi l-ko-testatur Giuseppe Mifsud ma jafx jik-

teb), u tan-nutar, fil-folju intermedju tat-testment tat-2 ta' Frar 1952 (numru 1, pag. 1 tal-minutarju);

Illi huwa ħass ruħu aggravat minn dik il-parti tad-digriet fuq imsemmi, in kwantu ġie fl-ewwel parti kundannat għal 2s. 6d. ammenda billi fl-att tad-diviżjoni numru 6 paġ. 48 *ma ddeskriviex il-fond bil-konfini kif trid il-liġi notarili*, u in kwantu fir-raba' parti ġie kundannat għall-ħlas ta' ammenda ta' 5s. talli fit-testment numru 1, paġina 1, ma hemmx il-firmi tat-testatriċi tax-xhieda u tan-nutar, fil-folju intermedju;

U talab illi din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tirriforma *d-deċiżjoni tal-Qorti tar-Reviżjoni* ta' l-Attijiet Notarili tat-18 ta' Diċembru 1952, billi................... tirrevoka l-istess deċiżjoni fejn dik il-Qorti sabet lill-esponenti ħati ta' l-ewwel u tar-raba' kontravvenzjoni...................; bl-ispejjeż kontra l-intimand;

Omissis;

Ikkunsidrat;

Kwantu għall-ewwel aggravju;

Fl-art. 28 (1) (f) tal-Kap. 92 Edizzjoni Riveduta, il-liġi tgħid li kull att notarili għandu jkun fih (inter alia), "fil-każ ta' attijiet fost il-ħajjin dwar immobili, dawn għandhom jiġu mfissrin, jekk bini, bit-tismija tal-belt jew raħal, u tat-triq fejn qegħdin u tan-numru tagħhom, u, jekk ma jkollhomx numru, bit-tismija ta' tlieta, għall-anqas, mill-irjieħ tagħhom; jekk raba', bit-tismija tal-post li fil-limiti tiegħu jkunu qegħdin, bl-isem tagħhom, jekk ikollhom (u, jekk jista', l-isem tad-distrett), il-kejl tagħhom, u tlieta, għall-anqas, mill-irjieħ tagħhom, b'mod li l-identità tkun ċerta";

Issa, ma hemmx dubju li fl-att "de quo", eżibit in kopja fol. 6, l-appellant, li hu n-nutar li rrediġih, ma ddeskriviex il-fond diviż kwantu għall-indikazzjoni ta' l-irjieħ. Hu jippretendi li ottempera ruħu mal-liġi għax indika l-irjieħ tal-"porzjonijiet" li fihom il-fond ġie diviż. Din il-pretensjoni ma treġix, għax il-liġi qiegħda tikkontempla l-immobili oġġett ta' l-att, u fil-każ preżenti l-immobili oġġett ta' l-att kien il-fond kollu, li appuntu kien intiż li jiġi diviż fl-att "de quo". Il-porzjonijiet singoli kienu r-riżultat ta' dik id-diviżjoni, imma l-att kien jirrigwarda d-diviżjoni ta' l-immobili

sħiħ, u għalhekk kellhom jiġu indikati l-konfini ta' dan. Inutili jingħad li bil-konfini tal-porzjonijet singoli jistgħu jiġu argumentati l-konfini ta' l-immobili diviż; għax il-liġi ċertament ma tridx indikazzjonijiet deżunti minn indikazzjonijiet oħra, bir-riskju, per ġjunta, ta' ekwivoċi;

Kwantu għat-tieni eċċezzjoni;

L-appellant qed jippuntella dan il-gravam tiegħu fuq interpretazzjoni għal kollox speċjali u teknika tal-kelma 'sheet' (folja) fl-art. 28 (1) (l) ibidem. Infatti, hu jrid jagħti lill-kelma "sheet" ("folja" fit-test Malti), minflok is-sinifikat tagħha ordinarju fil-kontest tal-liġi, is-sinifikat varju, iżda speċjali, li jista' jkollha fil-bibljografija u fl-istampa. Kulħadd jaf li l-karta, bħala tali, tikkonsisti f'"sheets" li jistgħu jkunu ta' daqsijiet diversi. Kulħadd jaf ukoll li d-daqs ta' ktieb jista jkun "in folio", fejn ix-"sheet" tkun mitwija darba, b'mod li kull "sheet" ikollha żewġ "leaves"; jista' jkun "in quarto", fejn ix-"sheet" tiġi mitwija darbtejn, b'mod li tagħmel erba' "leaves"; u jista' jkun "in octavo", fejn, billi x-"sheet" tiġi mitwija darb'oħra, ikun hemm tmien "leaves". L-appellant arbitrarjament qabad u għażel dan is-sinifikat għal kollox tekniku, ristrett għal dan il-kamp speċjali tal-bibliografija u ta' l-istampa, u minnu, bl-istess arbitrarjetà, għażel il-format "in quarto", biex igħid li "sheet" fil-liġi tfisser "four leaves", u li għalhekk ma hemmx il-kontravvenzjoni tan-nuqqas tal-firmi tat-testatriċi u tax-xhieda fil-folju intermedju tat-testment. Mentri hu ċar li l-kelma "sheet" (folja) għandu jkollha s-sinifikat komuni "in subjecta materia", kif tradizzjonalment segwit, u skond id-definizzjoni li tagħti l-liġi stess fit-tieni paragrafu ta' l-inċiż (1) fuq imsemmi;

Għalhekk tiddeċidi billi tiċħad l-appell fil-kapi devoluti lil dina l-Qorti; bl-ispejjeż kontra l-appellant.